**25 ta' Novembru, 1946.**

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Michele Azzopardi pr. et ne. *versus* Antonia Mangion et.

**Legat ta' Użufrutt — Eredità — Rinunzja — Leġittima — Kjamata fil-Kawża — Soprassessjoni tal-Kawża — Appell — Diskrezzjoni tal-Qorti dwar Provvedimenti fil-Kawża — Art. 563 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*L-użufruttwarju a titolu universali huwa legatarju, u mhux eredi, u għalhekk mhumiex applikabili għalih il-formalitajiet tal-liġi relativi għar-rinunzja ta' l-eredità, u tant l-aċċettazzjoni kemm ir-rinunzja għal-legat jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe fatt li jimporta neċessarjament l-intenzjoni tal-gratifikat li jaċċetta jew jirripudja l-legat.*

*Ir-rinunzja għall-eredità ma tistax tiġi preżunta, u ma tistax issir b'mod iehor ħlief per mezz ta' dikjarazzjoni fir-Reġistru tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tal-Gżira fejn ikun joqgħod id-decuius.*

*Min jiġi istitwit eredi b'testment, ma jistax jitlob il-leġittima minflok l-eredità qabel ma jkun irrinunzja għall-eredità u żamm il-leġittima.*

*Jekk il-Qorti ta' l-Ewwel Grad ma tkunx adottat il-provvedimet tal-kjamata fil-kawża, il-Qorti ta' l-Appell ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tagħha sakemm ma jkun sar xejn kontra l-liġi; u dak il-provvediment ma jistax jingħata fit-tieni istanza.*

*Lanqas ma tista' tiġi mogħtija s-soprasessjoni ta' kawża mill-Qorti ta' l-Appell jekk dana l-provvediment ma jkunx possibili f'dak l-istadju, jew ma jkunx spedjenti.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qort. Civili tal-Maestà Tiegħu fejn ippremetta illi fit-13 ta' Frar 1938, u fis-7 ta' April 1939, mietu rispettivament Carmelo Azzopardi u l-mara tiegħu Giuseppa Azzopardi, ġenituri tiegħu u tal-konvenuta Antonia Mangion, u nanniet tal-minorenni "Mar a u Giuseppa aħwa Mangion; u li l-imsemmija miżżewġin Azzopardi ddisponew mill-ġid tagħhom sija matul ħajjithom kif indikat fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċ tazzjoni, u sija permezz ta' testment, u b'dawn id-dispożizzjonijiet illedew il-leġittima spettanti lilu fil-kwalitajiet tiegħu msemmija, u għalhekk hemm lok għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' dina l-leġittima lilu mill-konvenuti proprio et nomine bħala werrieta u jew donatarji ta' l-imsemmija miżżewġin Azzopardi; u li għal dana l-iskop hemm bżonn li jiġu tnaqqsa proporzjonatament id-dispożizzjonijiet imsemmija magħmula mill-istess miżżewġin Azzopardi tant ma' tul ħajjittom kemm in forza tat-testment tagħhom, kif ukoll hemm lok li l-assijiet ta' l-imsemmijin miżżewġin Azzopardi jiġu magħmula jikkonsistu anki f'dawk is-sustanzi qabel trasferiti lil xi ħadd mit-tfal tagħhom u li minnhom dawn iddekadew, kif jiġi dikjarat rigward l-att tad-dotazzjoni magħmula mal-konvenuti Antonia u Salvatore Mangion fis-7 ta' Diċembru 1935, billi dawn ma eżegwewx il-kondizzjonijiet stipulati għalihom ma mantnewx lid-donanti sal-mewt tas-superstiti fost l-

istess u għalhekk l-istess donazzjoni hija riducibili dejjem, u dawn l-assij et għandhom jiġu addebitati bl-ammonti erogati u l-interess ta' l-istess miżżewġin Azzopardi billi f'dan ir-rigward l-attur jiġi dikjarat kreditur rigward l-assi ta' l-omm fl-ammont ta' £95.9.2, jew iehor verjur. li tistabbilixxi l-Qorti għall-mantenument lilha prestat u għall-funerali tagħha skond il-prospett unit mać-ćitazzjoni; talab:— 1. Li jiġu mnaqqsa d-dispożizzjonijiet magħmula mill-miżżewġin Azzopardi in kwantu dawn jilledu l-leġittima dovuta lilu fil-kwalitajiet tiegħu premessi; 2. Li jiġ. firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali eżistenti bejn l-istess mejta miżżewġin Azzopardi, billi jiġi dikjarat jikkonsist......................; 3. Li dana l-assi hekk firmat u likwidat jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet ugwali, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-wirt ta' Carmelo Azzopardi u l-oħra lill-wirt ta' Giuseppa Azzopardi; 4. Li jiġu firmati u likwidati l-assijiet partikulari ta' Carmelo u Giuseppa Azzopardi, billi jiġu dikjarati jikkonsistu.........; 5. Li tiġi likwidata u assenjata lilu l-leġittima li tmissu minn dawn l-assijiet, salvi d-drittijiet tiegħu kontra l-assi ta' Giuseppe Azzopardi kif imsemmi iżjed 'il fuq; 6. Li jiġi nominat nutar......;

**Rat** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tat-22 ta' Jannar 1946, fejn illiberat il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż; wara li **kkunsidrat;**

In ordni għall-eċċezzjoni ta' l-intempestività tat-talba fuq il-motiv illi ma ġietx preċeduta mir-rinunzja għall-wirt skond dak li jingħad fl-art. 563 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, illi skond it-testment tal-miżżewġin Azzopardi (fol. 12) l-attur huwa legatarju ta' l-użufrutt tal-kwinta parti indivisa "dei *loro assi ereditari* da godersi.............." (art. 4), u legatarju tad-"diritto di coabitare gratuitamente.............. (art. 5):

Illi anki l-użufruttwarju għat-titolu universali huwa legatarju u mhux eredi, u ma humiex kwindi applikabili għalih il-formalitajiet tal-liġi relativi għar-rinunzja ta' l-eredità, u għalhekk tant l-akkwist kemm ir-rinunzja għal-legat mhumiex marbuta minn ebda forma, u jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe fatt li jimporta neċessarjament l-intenzjoni tal-gratifikat

li jaċċetta jew jirripudja l-legat; illi għalhekk id-dikjarazzjoni ta' l-attur fl-att taċ-ċitazzjoni illi ġiet leża l-leġittima anki tiegħu "personalment", u t-talba li tiġi likwidata u lilu assenjata dik il-leġittima, b'lli din id-dikjarazzjoni u din it-talba timporta neċessarjament l-intenzjoni tiegħu li jirrpudja l-legat, għaliex ma jistax fiċ-ċirkustanzi tal-każ fl-istess hin iżomm l-legat u jitlob il-leġittima, huma fihom innifishom biżżejjed mingħajr il-konkors ta' formalitajiet oħra biex jiġi ritenut li hemm ir-rinunzja għal-legat, kwante volte ma jiġix pruvat illi qabel din ir-rinunzja huwa kien aċċettah;

Illi dina l-aċċettazzjoni tal-legat da parti ta' l-attur ma jistax jingħad, fil-fehma ta' din il-Qorti, li tirriżulta mill-provi l-saru f'din il-kawża;

Illi għar-rigward tal-kwalità ta' l-attur bħala ċessjonarju tal-leġittima ta' l-imsemmijin ħutu, Giuseppa mart Amabile Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela mart Giuseppe Micallef, flimkien mal-konvenuta, ġew ist'twiti eredi mill-imsemmijin miżżewġin Azzopardi fit-testment tagħhom fuq imsemmi. In forza ta' l-att in atti Bisazza tad-9 ta' Ġunju 1941, dawna, flimkien ma' ħuhom Salvatore, lil min fit-testment fuq imsemmi ġiet imħollija biss il-leġittima, ittrasferew lill-attur, ħuhom, id-dritt lilhom spettanti għall-konsegwiment tal-leġittima li tmiss lilhom mill-wirtijiet ta' l-imsemmijin miżżewġin Azzopardi ġenituri tagħhom; illi ma jirriżultax li dik iċ-ċessjoni tal-leġittima ġiet preċeduta mir-rinunzja ta' l-imsemmija Giuseppa Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela Micallef għall-wirt ta' l-imsemmijin ġenituri tagħhom fit-terminu tas-suċċitat art. 563 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, fil-waqt illi ma jistax ikun hemm rinunzja għall-ereditâ ħlief b'mod wieħed biss, li huwa dak stabbilit mil-liġi; illi għaldaqstant l-azzjoni hija tabilħaqq intempestiva in kwantu l-attur qiegħed jaġixxi bħala ċessjonarju ta' l-imsemmijin ħutu Giuseppa Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela Micallef;

Illi però l-istess ħaġa ma tistax tingħad għar-rigward ta' Salvatore, għaliex lil dana, kif fuq ġa rilevat, ġiet imħollija l-leġittima; illi però t-talba tiegħu t bqa' dejjem intempestiva, anki jekk l-attur seta' javżah fl-isem tiegħu proprju u bħala

ċessjonarju ta' l-imsemmi huh Salvatore, billi fil-każ li ssir ir-rinunzja, tibqa' l-kwestjoni sollevata mill-konvenuti, jekk l-imsemmijin Giuseppa Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela Micallef għadhomx jistgħu jirrinunzjaw għall-wirt — liema pretensjoni ma tistax tiġi eżaminata u definita f'dan il-ġudizzju — sabiex ikun jista' jiġi stabbilit min huma l-leġittimi kontradittturi tal-kawża, billi fi kwalunkwe każ ikun hemm żgur bżonn tal-preżenza ta' l-imsemmijin Carmela Micallef, Eufemia Azzopardi u Giuseppa Ebejer, għaliex dawn huma donatarji u dan il-ġudizzju kwindi qatt ma jista' jkun integru;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur personalment u fil-kwalitajiet indikati fiċ-ċitazzjoni, u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija tat-22 ta' Jannar 1946, tiġi revokata, billi jiġi dikjarat u deċiż li t-talbiet ta' l-attur ma humiex intempestivi u l-ispejjeż ikunu kontra l-konvenut, u konsegwentement l-atti tal-kawża jkunu rinvijati lill-Ewwel Qorti taħt dawk il-provvedimenti meħtieġa biex il-kawża tiġi trattata u deċiża fil-meritu kemm-il darba dan ma jsirx f'dina l-istanza; bl-spejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi ma kienx hemm bżonn li ssir ir-rinunzja ta' l-eredità, qabel ma saret din il-kawża, da parti ta' Giuseppa Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela Micallef; iżda kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-liġi hija kategorika meta tgħid illi r-rinunzja għall-eredità ma tistax tiġi preżunta, u ma tistax issir b'mod ieħor ħlief permezz ta' dikjarazzjoni preżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja fil-Gżira fejn id-decujus kien joqgħod. Għalhekk bħala bażi ta' dina l-kawża, fejn 'il fuq imsemmija Giuseppa Ebejer, Eufemia Azzopardi u Carmela Micallef, qegħdin permezz ta' l-attur, bħala ċessjonarju taddrittijiet tagħhom, jitolbu l-likwidazzjoni tal-leġittima li tmiss lilhom mill-assijiet tal-ġenituri tagħhom, kien hemm bżonn li ġie pruvat li dawk il-persuni li skond it-testment tal-ġenituri tagħhom huma istitwiti eredi, effettivament irrinunzjaw għall-eredità ta' dawk il-ġenituri, salva l-leġittima. U peress li

dan ma ġiex pruvat, l-azzjoni kif inhi impostata tibqa' intempestiva;

Tikkunsidra;

Illi gravam ieħor ta' l-appellanti huwa li, peress li l-Ewwel Qorti daħlet biex teżamina, anki indirettament, il-validità taċ-ċessjoni, kien imissha ġiet ordnata l-kjamata in kawża ta' l-interessati l-oħra. Anki dan il-gravam huwa mingħajr bażi, għaliex l-Ewwel Qorti ma eżaminatx jekk dik iċ-ċessjoni hijiex valida jew le, anzi rriteniet illi kwistjoni simili għandha tiġi ventilata f'ġudizzju separat. L-appellanti ssottometta illi kien imisshom ġew ordnati l-provvedimenti jew dak fuq imsemmi, jew almenu ta' soprasessjoni biex issir kawża oħra. Dan huwa kollu veru jekk il-provvediment tal-kjamata in kawża kien possibili: f'dan il-każ, peress illi l-azzjoni hija anki għan-nom ta' dawk li kienu jiġu msejħa fil-kawża; iżda dawn huma provvedimenti li, se maj setgħu ġew ordnati, kienu fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti; iżda l-ebda liġi ma ġiet vjolata, peress illi l-Ewwel Qorti rriteniet li ma setgħetx jew ma għandhiex fil-każ tirrikorri għal dawk il-provvedimenti, u għalhekk użat minn provvediment impost mil-liġi stess talliberatorja "ab observantia judicii". Peress li xejn ma sar kontra l-liġi, dina l-Qorti ma tistax tindaħal fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti li ma dehrilhiex li kellha tuża ċertu provvediment; u għalhekk din il-Qorti ma tistax tgħid illi s-sentenza appellata ma hijiex in konformità mal-liġi. Lanqas tista' tadotta dawk il-provvedimenti f'dina l-istanza, kif jingħad fil-petizzjoni, għaliex għal dak li jirrigwarda l-kjamata in kawża dan mhux possibili f'dan l-istadju, u għal dak li jirrigwarda s-soprasessjoni sakemm issir kawża oħra dan mhux possibili u lanqas espedjenti li jsir; mhux possibili, għaliex jibqa' d-difett illi l-ġudizzju mhuwiex kontestat kif kellu jkun: mhux spedjenti, għaliex anki kieku dan kien possibili, kawża ta' importanza bħal din ma għandhiex tiġi trattata f'Qorti tat-Tieni Grad u istruwita f'dana l-istadju, iżda l-partijiet għandhom ikollhom il-beneficcju ta' l-eżami doppju;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell ta' l-attur proprio et

nomine, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell: bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant.